MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 226/2007

**Business Tower Limited**

**vs**

**Montaigne Investments (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti datat 28 ta’ Frar 2007 u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta intimata Montaigne Investments (Malta) Limited debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fir-rikors jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-

Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi:

(2) Tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici ghas-somma ta' tnax il-elf u disgha u erbghin Liri Maltin (Lm12,049) rapprezentanti kera, servizzi u spejjez dovuti skond l-iskrittura ta' kera tad-29 ta' Ottubru 2004, kif fuq espost u ilha hekk moruza ghal aktar minn tletin (30) gurnata mill-interpellanza ufficjali notifikat lilha fl-24 ta' Jannar 2007;

(3) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tnax il-elf u disgha u erbghin Liri Maltin (Lm12,049) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv;

(4) Tiddeciedi illi l-iskrittura ta' kera tad-29 ta' Ottubru 2004 giet terminata *ai termini* ta' l-artikolu 14.3 ta' l-istess skrittura;

(5) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta tizgombra u tivvaka fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza mill-fond lokatizju li jinsab fl-erbatax (14) is-sular (*thirteenth [13th] floor*) fit-torri li jgib l-isem "Portomaso Business Tower" kif indikat fil-pjanta annessa ma' l-iskrittura ta' lokazzjoni.

(6) Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' Jannar 2007 u tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u ta' qbid kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------